**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**Vs**

**Redeemer Farag Abdel Ghany Ali**

Kaz Numru: 794/2014

Illum 16 ta' Jannar 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Redeemer Farag Abdel Ghany Ali ta' 18-il sena, iben Shaban u Patricia nee' Montesin, imwieled il-Pieta' nhar is-26 ta' Frar 1996, residenti gewwa il-font 71, Marija Bambina, Triq Wied il-Ghajn, Zabbar u detentur ta' karta tal-identita' 117996(M):

Akkuzat talli nhar it-23 ta' Marzu 2014, ghal habta tal-5:15pm, gewwa Triq Castaldi, Zabbar, ikkommetta serq ta' pawc li kien jikkontjeni diversi oggetti fosthom flus, minn gewwa vettura tat-tip Citroen bin-numru tar-registrazzjoni BBP-414, ghad-detriment ta' Brian Pullicino u/jew persuna/I

ohra, liema serq huwa aggravate bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-artikolu 261 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat biex jigi trattat bi procedura sommarja u li l-istess imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li seraq minn vettura flus u oggetti ohra.

Mill-provi jirrizulta li nhar it-2 ta' April 2014 Brian Pullicino u Malcolm Pullicino ghamlu rapport fl-ghassa ta' Haz-Zabbar li fit-23 ta' Marzu 2014 kellhom vann ipparkjat fi Triq Castaldi tal-istess lokalita' li ma kienx imsakkar u kien hemm persuna li dahlilhom fil-vann u serqilhom pawc li fih kien jikkontjeni €30,diversi cwievet u zewg remote controls ta' bibien ta' garaxxijiet. Ir-rapport ma sarx mill-ewwel billi kienu jafu li kien hemm CCTV camera fit-triq u ghalhekk irnexxilhom jottjenu l-filmat u raw li kien jidher li persuna maskili dahal fl-istess vann.Huma ghamlu ricerka u saru jafu li l-guvni li jidher fil-filmat huwa l-imputat.

L-Ispettur Said Sarreo, li kien l-ufficjal investigattiv, xehed [1] li wara investigazzjoni baghat ghall-imputat li originarjament innega kwalunkwe involviment tieghu izda meta imbaghad gie muri l-footage spjega li dahal ifittex gol-vann biex jara jsibx xi pakkett sigaretti jew forsi xi flus izda ma ha xejn u telaq 'l hemm.

Malcolm Pullicino xehed li mill-vann tieghu insterqulu pawc li kien fih remote controls tal-garaxxijiet, ic-cwievet tal-imhazen tieghu tax-xoghol u ftit flus. Minhabba li insterqulu c-cwievet kellu bilfors ibiddel ic-cwievet billi li kien hemm fil-vann spiccaw ghand terzi. Huwa kkonferma d-dokumenti ezebiti a fol 3 u 4 tal-process.

L-imputat min-naha tieghu rrilaxxja stqarrija fejn qal li jiftakar li matul ix-xahar ta' Marzu 2014 kien ghaddej minn Triq Castaldi, Haz-Zabbar u ra vettura li nduna li l-bieba ma kinitx imsakkra. Dak il-hin iddecieda li jidhol fih u jibda jfittex. Qal li ma sab xejn u qabad u hareg il-barra. Huwa qal li kien qieghed ifittex xi sigaretti u forsi xi flus.

L-imputat ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri u kkonferma l-istqarrija rilaxxjata. Inoltre' xehed li huwa ma sab xejn u li fi tlett sekondi jew erba' sekondi li dam gol-vann ma setax iqalleb dutchboard shih u taht is-siggijiet.

Din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz sal-grad rikjest mil-ligi. Il-Qorti rat il-filmat ezebit u minn dan il-filmat jirrizulta li l-imputat l-ewwel darba ghadda minn fejn il-vettura inkwistjoni, rega' ghadda t-tieni darba u ccekja jekk il-vann kienx miftuh u telaq. Wara ftit sekondi rega' dar lura u mar dritt ghal gol-istess vettura. Kuntrarjament ghal dak li xehed l-imputat huwa ma baqax fil-vann ghal tlett jew erba' sekondi. Infatti jirrizulta li huwa dahal fil-vann fil-17:16:41 u hareg mill-istess vann fil-17:17:25 li allura huwa trapass ta' hin bizzejjed biex l-imputat ghamel tfittxija fil-vann u jiehu dak li sab. Din il-Qorti m'ghandhiex raguni ghalfejn ghandha tiddubita minn dak li rrappurtaw il-parte civile u minn dak li xehed Malcolm Pullicino. Inoltre' l-istess imputat jammetti li huwa dahal gol-vann sabiex jiehu xi flus u sigaretti u dan meta huwa jaf li l-vann mhux tieghu.

Inkwantu ghall-aggravju tal-valur jirrizulta li l-imputat seraq tletin euro fi flus, zewg remote controls li jiswew sebghin euro u cwievet li b'kollox il-

[1] Seduta tal-4 ta' Jannar 2015

valur taghhom kien jammonta ghal €380.70. Ghalhekk dan l-aggravju jinsab ukoll ippruvat.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat u l-fedina penali li sa dak iz-zmien kienet wahda netta. Tqis ghalhekk li ghandha tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation kif ukoll li tordna li l-imputat jirrifondi lill-parte civile.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena (1) millum skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €480.70 lil Brian Pullicino u Malcolm Pullicino u dan fi zmien sena millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk jikkometti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat